# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 17 ta' Ottubru, 2017**

**Kawża Nru. 35**

**Rik. Nru. 757/13JRM**

John **SCOLARO**

vs

Anthony **GRECH POLLACCO** *sive* Tony Grech eżerċenti l-kummerċ bl-isem *Firm A. Grech Pollacco*; u b'degriet tat-30 ta' Jannar, 2017, l-atti tal-kawża għaddew mill-persuna tal-imħarrek Anthony Grech Pollacco għall-persuna ta' wliedu Marcello u Omar, aħwa Grech, minħabba l-mewt ta' missierhom fil-mori tal-kawża

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta' Awwissu, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (i) ssib li d-ditta mħarrka waħedha ħatja għall-inċident li seħħ nhar il-15 ta' Marzu, 2012, meta waqa' bih sellum difettuż importat u mibjugħ f'Malta mill-istess ditta mħarrka u li ma kienx iħares il-ħtiġijiet ta' siġurta' ġenerali skond kif titlob il-liġi; (ii) tillikwida, jekk

meħtieġ bil-ħatra ta' perit għal dan il-għan, id-danni li ġarrab l-attur bħala riżultat tal-imsemmija waqgħa, meta ġarrab debilita' li ma tgħaddix; u (iii) tordnalha tħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet mid-data ta' meta fetaħ din il-kawża;

Rat id-degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-28 ta' Awwissu, 2013[1], li bih ordnat in-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf lid-ditta mħarrka u tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-27 ta' Settembru, 2013, li biha d-ditta mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalet li safejn il-kawża hija bbażata fuq it-tifsira ta' "*produttur*" mogħtija taħt il-Kap. 427 tal-Liġijiet ta' Malta[2], ma teżisti ebda relazzjoni bejnha u l-attur, billi l-imsemmi Att jipprospetta responsabbilta' dwar proċedimenti ta' sura kriminali u mhux ukoll ta' għamla ċivili bħalma hija din il-kawża; u li hija ma kienet bl-ebda mod negliġenti jew naqset li tħares xi artikolu tal-liġi. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-attur jrid jipprova li l-manifattur tas-sellum m'għandux rappreżentat stabbilit f'Malta (hija tgħid li għandha tagħrif li f'Malta hawn rappreżentant tal-istess ditta barranija). Żiedet tgħid li ma jirriżultax li kienet hi li importat f'Malta s-sellum li kien qiegħed juża l-attur fl-inċident mertu tal-każ. Ċaħdet ukoll illi s-slielem tad-Ditta Torka *Dogrular Household Manufacturing Mfg* li ġew importati f'Malta kienu perikolużi jew ta' ħsara għal saħħet u s-sigurta' tal-konsumaturi: għall-kuntrarju, provi u eżamijiet li saru fuq l-imsemmija slielem urew li kienu joqogħdu għall-i*standards* ewropej mitluba u kienu jifilħu ħafna aktar piż mill-ogħla piż irriklamat. Qalet li jaqa' fuq l-attur li juri li l-waqgħa bis-sellum kienet marbuta ma' difett fil-manufattura tiegħu, ladarba dan kien l-inċident waħdieni minn 'il fuq minn elf u tliet mitt sellum bħalu li d-Ditta Torka bagħtet f'Malta. Dwar il-pretensjonijiet tal-attur ta' danni dwar telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*), laqgħet billi qalet li l-attur baqa' għaddej bl-attivita' tiegħu (ta' mużiċist) u għalhekk ma jistax jippretendi danni tat-tip *lucrum cessans* meta huwa għadu jaħdem. Ikkontestat il-qligħ li l-attur jallega li kien idaħħal qabel il-waqgħa u f'kull każ twarrab il-kejl tal-*multiplier* suġġerit minnu, u xejn anqas dwar it-talba attriċi marbuta ma' danni morali;

Rat is-surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[3], li biha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Settembru, 2014[4], li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tad-19 ta' Awwissu, 2014, ħatret lill-Kirurgu

[1] Paġ. 32 tal-proċess
[2] L-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti (Att V tal-2001)
[3] Paġġ. 50 – 1 tal-proċess
[4] Paġ. 145 tal-proċess

Ortopediku Charles Grixti bħala perit mediku biex jara lill-attur u jgħid jekk ibatix minn debilita’ li ma tgħaddix;

Rat ir-Rapport Mediku tad-9 ta’ Diċembru, 2014[5], tal-imsemmi perit mediku, maħluf minnu kif imiss quddiem ir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili fit-3 ta’ Marzu, 2015;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta’ Ġunju, 2015[6], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma’ l-provi tal-partijiet;

Rat il-provi u d-dokumenti li tressqu quddiemha u quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tal-14 ta’ Ġunju, 2016[7], li bih awtorizzat lill-partijiet iressqu bil-miktub is-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-każ;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-17 ta’ Ottubru, 2016[8];

Rat in-Nota mressqa fit-30 ta’ Jannar. 2017[9], minn ulied il-mejjet Anthony Grech Pollacco, li biha talbu li l-atti tal-kawża jgħaddu fil-persuna tagħhom, liema talba ġiet milqugħa permezz ta’ degriet ta’ l-istess jum[10];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tad-Ditta mħarrka tal-5 ta’ Mejju, 2017[11], bi tweġiba għal dik ta’ l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta’ Mejju, 2017[12], li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta’ danni. L-attur jgħid li waqt li kien bilwieqfa fuq sellum, dan ċeda bih u waqa’ u weġġa’ b’mod li l-ġrieħi li ġarrab mal-waqgħa ma jfiqux. L-attur jgħid li għal dan l-inċident għandha twieġeb id-Ditta mħarrka

[5] Paġ. 190 – 3 tal-proċess
[6] Paġ. 235 tal-proċess
[7] Paġ. 439 tal-proċess
[8] Paġġ. 441 – 464 tal-proċess
[9] Paġ. 469 tal-proċess
[10] Paġ. 477 tal-proċess
[11] Paġġ. 481 – 491 tal-proċess
[12] Paġ. 492 tal-proċess

bħala l-importatriċi f'Malta ta' prodott difettuż li ma joqgħodx għall-i*standards* stabbiliti mil-liġi u li ġie distribwit minnha f'Malta. Jgħid li l-waqgħa bis-sellum kienet riżultat dirett ta' dan id-difett, u għalhekk il-ġrieħi li ġarrab ukoll huma marbuta mal-istess waqgħa. Għaldaqstant huwa qiegħed jitlob li jingħata kumpens xieraq għal dawn id-danni;

Illi għal din l-azzjoni d-Ditta mħarrka laqgħet billi, preliminarjament, qalet li safejn il-kawża hija bbażata fuq it-tifsira ta' "*produttur*" mogħtija taħt il-Kap. 427 tal-Liġijiet ta' Malta, ma teżisti ebda relazzjoni bejnha u l-attur, billi l-imsemmi Att jipprospetta responsabbilta' dwar proċedimenti ta' sura kriminali u mhux ukoll ta' għamla ċivili bħalma hija din il-kawża; u li hija ma kienet bl-ebda mod negliġenti jew naqset li tħares xi artikolu tal-liġi. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-attur jrid jipprova li l-manifattur tas-sellum m'għandux rappreżentant stabbilit f'Malta (hija tgħid li għandha tagħrif li f'Malta hawn rappreżentant tal-istess ditta barranija). Żiedet tgħid li ma jirriżultax li kienet hi li importat f'Malta s-sellum li kien qiegħed juża l-attur fl-inċident mertu tal-każ. Ċaħdet ukoll illi s-slielem tad-Ditta Torka *Dogrular Household Manufacturing Mfg* li ġew importati f'Malta kienu perikolużi jew ta' ħsara għal saħħet u s-sigurta' tal-konsumaturi: għall-kuntrarju, provi u eżamijiet li saru fuq l-imsemmija slielem urew li kienu joqogħdu għall-i*standards* ewropej mitluba u kienu jifilħu ħafna aktar piż mill-ogħla piż irriklamat. Qalet li jaqa' fuq l-attur li juri li l-waqgħa bis-sellum kienet marbuta ma' difett fil-manufattura tiegħu, ladarba dan kien l-inċident waħdieni minn 'il fuq minn elf u tliet mitt sellum bħalu li d-Ditta Torka bagħtet f'Malta. Dwar il-pretensjonijiet tal-attur ta' danni dwar telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*), laqgħet billi qalet li l-attur baqa' għaddej bl-attivita' tiegħu (ta' mużiċist) u għalhekk ma jistax jippretendi danni tat-tip *lucrum cessans* meta huwa għadu jaħdem. Ikkontestat il-qligħ li l-attur jallega li kien idaħħal qabel il-waqgħa u f'kull każ twarrab il-kejl tal-*multiplier* suġġerit minnu, u xejn anqas dwar it-talba attriċi marbuta ma' danni morali;

Illi mill-<u>fatti li jirriżultaw mill-atti</u> joħroġ li f'xi żmien matul l-2011, l-attur xtara sellum forċi tal-aluminju tal-għamla "*9-Stepladder GI 200*" minn ħanut taż-żebgħa ('*ironmongery*') f'Bormla. Is-sellum kien supplit lill-imsemmi ħanut mid-Ditta mħarrka[13];

Illi waqt li l-attur tela' fuq is-sellum biex jirranġa *wire* tal-linja telefonika ġewwa d-dar tiegħu nhar il-15 ta' Marzu, 2012, is-sellum ċeda bih u l-attur waqa' b'tisbita mal-art u b'biċċa mis-sellum tiġi fuqu[14]. Is-sellum jidher li ċeda billi partijiet minnu tgħawġu jew imbarmu u biċċiet oħrajn inqalgħu minn posthom u l-istruttura kollha ċediet taħt il-piż tal-attur;

[13] Xhieda ta' Adrian Pavia f'paġġ. 132 – 4 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda ta' l-attur mogħtija b'affidavit f'paġ. 60 tal-proċess. Ara wkoll Dokti. "MT1" sa "MT16" f'paġġ. 94 – 109 tal-proċess

Illi huwa ttieħed l-isptar dak il-ħin stess minn membru tal-familja li nzerta kien id-dar[15] u rriżulta li ġarrab ksur fil-polz ta' idejh ix-xellugija li tqegħditlu fil-ġibs[16]. Għal numru ta' xhur huwa kien jattendi għat-terapija[17];

Illi jirriżulta li dak inhar li seħħ l-inċident l-attur kellu sitta u sittin (66) sena u jiżen tmenin kilogramm (80 kg) u huwa pensjonant u jgawdi minn Pensjoni tat-Teżor[18]. Madankollu, kien idoqq il-kuntrabaxx u kien fil-fatt jagħmel dan b'mod regolari u jitqabbad bħala parti minn banda ta' mużiċisti li tieħu sehem f'rappreżentazzjonijiet mużikali f'lukandi jew postijiet pubbliċi li tagħhom kien jitħallas bir-rata netta ta' sittin euro (€ 60) kull tliet sigħat u nofs[19]. Madankollu, huwa jgħid li minħabba l-inċident, dan id-delizzju ma setax ikomplih u b'hekk tilef id-dħul kollu li kellu kuntrattat[20];

Illi fil-fatt minn dan il-mudell ta' sellum id-Ditta mħarrka importat madwar erbgħa u tmenin (84) wieħed mingħand il-manufattur li hija kumpannija Torka jisimha Dogrular Madeni Esaya Paz Ltd[21];

Illi xi jiem wara l-inċident[22], l-attur kiteb lil dak l-istabiliment li mingħandu kien xtara s-sellum (Pavia) fejn għarrfu bl-inċident u talbu jersaq għall-ħlas ta' kumpens. F'Ġunju ta' l-istess sena, l-attur ressaq ukoll ilment mad-Dipartiment tal-Konsumatur, li min-naħa tiegħu ħa azzjoni billi talab li jsiru verifiki fuq l-għamla tas-sellum bħal dak tal-attur sabiex jistabbilixxi s-sigurta' tiegħu. Id-Dipartiment kiseb rapport minn Dipartiment ieħor fil-Bulgarija dwar għamla ta' sellum magħmul mill-istess kumpannija Torka (għalkemm mudell differenti minn dak li waqa' bl-attur)[23], u nstab li dak is-sellum kellu nuqqasijiet fil-ħxuna u s-saħħa tal-metall użat. Wara li sar dan, id-Dipartiment neħħa dik l-għamla ta' sellum mis-suq u ħareġ avviż pubbliku fil-medja biex kull min kien xtara sellum ta' dik l-għamla jirritornah lura[24];

Illi min-naħa tagħha, id-Ditta mħarrka ressqet l-ilment tal-attur mal-kumpannija Torka[25] u, wara eżami li sar minn dik il-kumpannija fuq slielem tal-istess

[15] Affidavit ta' John Liam Scolaro f'paġ. 54 tal-proċess
[16] Ara x-xhieda ta' Dr Jan Balent f'paġ. 183 tal-proċess
[17] Ara x-xhieda ta' Dr Imrich Molnar f'paġ. 203 tal-proċess, u Dokti. "JSB1" u "JSB2" f'paġġ. 77 – 80 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Eleanor Grech f'paġġ. 219 tal-proċess u Dok. "EG1" f'paġġ. 217 – 8 tal-proċess
[18] Dok "JS4", f'paġ. 26 tal-proċess
[19] Dok "JS2", f'paġġ. 6 sa 25 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda ta' Sergio Micallef f'paġġ. 155 – 162 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit ta' Sergio Micallef immarkat bħala Dok. "SM1" f'paġ. 210 tal-proċess
[21] Ara x-xhieda tal-imħarrek Anthony Grech Pollaco f'paġ. 420 tal-proċess u dik ta' Dogro f'paġ. 430 tal-proċess
[22] Ara "Dok. AGP2" f'paġ. 400 tal-proċess
[23] Dok. "NM1", f'paġġ. 110 – 9 tal-proċess
[24] Ara l-affidavit ta' l-attur f'paġġ. 61 – 2 tal-proċess u Dok. "JSC" f'paġġ. 85 – 6 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Nicholas Magro f'paġġ. 125 u 128 tal-proċess
[25] Ara x-xhieda tal-imħarrek Anthony Grech Pollacco f'paġ. 422 tal-proċess

għamla li kien xtara l-attur, irriżultalha li ma setax ikun li l-attur waqa' minħabba xi difett attribwit lilha jew lis-sellum li ipproduċiet[26];

Illi mill-eżami tal-perit mediku, jirriżulta li bil-waqgħa, l-attur ġarrab debilita' li ma tgħaddix ta' għaxra fil-mija (10%) u dan billi, minkejja li l-polz għaqad bit-trattament li ngħata, baqgħet irregolarita' fil-wiċċ tal-ġog tal-istess polz xellugi li żżommu jew tillimitah minn movimenti fit-tħaddim tal-imsemmi polz[27];

Illi fil-11 ta' Lulju, 2012, l-attur interpella lid-Ditta mħarrka biex tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab u, minħabba li baqa' ma ngħatax widen, fetaħ din il-kawża fis-6 ta' Awwissu, 2013;

Illi l-<u>konsiderazzjoni ta' xejra legali li jolqtu din il-kawża</u> jirreferu għal inċident li għalih l-attur jixli bi ħtija lid-Ditta mħarrka, u li b'riżultat tiegħu ġie iċċertifikat li jbati minn ġrieħi li ma jgħaddux. Karatteristika ewlenija f'din il-kawża hi li l-attur jidher li jsejjisha fuq aspetti ta' ħtija kuntrattwali u mhux ħtija purament akwiljana. Dan qiegħed jingħad minħabba li d-Ditta mħarrka ma kenitx il-manifattriċi tas-sellum li waqa' bl-attur, imma biss importatriċi f'Malta tal-istess sellum; lanqas ma kienet qiegħda tagħmel xiħaġa li, b'effett tagħha, l-attur ġralu dak li ġralu. Ir-rabta bejn l-inċident li għadda minnu l-attur u d-Ditta mħarrka hi li din impurtat f'Malta dak is-sellum u li l-attur jgħid li kien sellum difettuż. Din iċ-ċirkostanza titlob stħarriġ partikolari tal-elementi tal-kawża u s-siwi tal-pretensjonijiet tal-attur fil-konfront tal-istess Ditta;

Illi dan jitlob li, qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti tistħarreġ l-ewwel eċċezzjoni preliminari li ressqet id-Ditta mħarrka, jiġifieri dik ta' nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-attur. Din in-nuqqas ta' relazzjoni, fi kliemha, ġej mill-fatt li l-attur jibni l-azzjoni tiegħu fuq it-tifsira tal-kelma "*produttur*" taħt l-Att Dwar is-Sigurta' tal-Prodotti meta dik il-liġi taħseb biex tirregola biss aspetti ta' proċedimenti ta' għamla kriminali meħudin kontra produttur mid-Direttur Ġenerali (Regolamenti Tekniċi). Għaldaqstant, id-Ditta mħarrka targumenta li mhux possibbli li tinġieb mill-attur azzjoni ċivili ta' danni kontriha bħala sempliċi importatriċi tas-sellum li waqa' bih. Minn kif inhi msawra l-eċċezzjoni, jidher li d-Ditta mħarrka tqis li mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi lil hinn minn jekk is-sellum kienx tabilħaqq difettuż jew le;

Illi min-naħa tiegħu, l-attur jgħid li l-argument tad-Ditta mħarrka jissarraf f'tentattiv fieragħ biex taħrab mir-responsabbiltajiet tagħha u jargumenta li l-Att Dwar is-Sigura' tal-Prodotti ma jżommux milli jista' jressaq azzjoni kontra l-importatur tal-prodott kemm-il darba l-manifattur ma jkunx stabbilit f'Malta

[26] Ara Dok. "AGP1" f'paġġ. 291 – 399 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Dogra f'paġġ. 429 – 430 tal-proċess, u Dok. "A" u Dok. "B" f'paġġ. 39 – 47 tal-proċess
[27] Ara r-Rapport Mediku tal-Kirurgu Charles Grixti f'paġġ. 190 – 3 tal-proċess

jew ma jkunx hemm rappreżentant stabbilit f'Malta li tista' titmexxa kawża kontrih direttament;

Illi kemm-il darba din l-eċċezzjoni tintlaqa' twassal biex l-azzjoni taqa' fil-konfront ta' dik il-parti li tkun ressqitha, u l-attur jitlef il-jedd li jkompli bil-proċeduri quddiem il-Qorti;

Illi l-Qorti jidhrilha xieraq li tibda biex tgħid li l-kwestjoni tal-applikabilita' tal-Kap 427 tqanqlet mid-Ditta mħarrka u ma ssemmiet imkien mill-attur fir-Rikors promotur. F'din il-kawża, l-attur ressaq azzjoni kontra d-Ditta mħarrka bħala l-importatriċi fis-suq Malti tas-sellum li fuqu huwa korra. Fis-Sottomissjonijiet tiegħu, l-abbli avukat tal-attur tgħid li l-Att Dwar is-Sigurta` tal-Prodotti ma jċaħħdux milli jfittex lid-Ditta mħarrka (ladarba f'Malta ma hawn l-ebda rappreżentant tal-kumpannija Torka li għamlet is-sellum) biex iżommha responsabbli għall-ħsara li ġarrab, u ladarba l-liġi ma teskludix espressament ir-responsabbilita' ċivili ta' importatur bħalma hija d-Ditta mħarrka, dik ir-responsabbilita' teżisti u tagħti lok għal rimedju fis-sura ta' azzjoni kontra l-istess Ditta. Minbarra dan, l-attur jgħid li, fit-tifsira ta' "produttur" il-liġi nnifisha tgħid li dik il-kelma tgħodd ukoll fejn ikun hemm "*rappreżentant tal-manifattur, meta l-manifattur ma jkunx stabbilit f'Malta jew, jekk ma jkunx hemm rappreżentant stabbilit f'Malta, l-importatur tal-prodott*"[28] u għalhekk dik it-tifsira tiġbor fiha wkoll lid-Ditta mħarrka fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tiegħu;

Illi minn qari ta' dan l-Att, il-Qorti tasal għal fehma oħra. Il-Kap. 427 ma jħalli ebda dubju li l-persuna li tista' tressaq azzjoni kontra "*produttur*" li jkun kiser dak l-Att huwa d-Direttur Ġenerali (Regolament Tekniċi) kif maħtur taħt l-Att Dwar l-Awtorita' ta' Malta għall Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur[29]. L-infurzar kif ukoll il-proċedimenti dwar reati taħt dan l-Att jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tiegħu. L-unika istanza fil-Kap. 427 meta d-dritt tal-konsumatur huwa espressament rikonoxxut huwa taħt l-artikolu 35 meta jitkellem dwar il-jeddijiet ta' konsumatur taħt it-Taqsima VII tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Din it-taqsima hija marbuta ma' klawżoli jew espressjonijiet, hekk imsejjħa "mhux ġusti", f'kuntratt bejn il-konsumatur u kummerċjant, li l-iskop tagħhom ikunu biex inaqqsu mid-drittijiet tal-konsumatur jew jipproteġu aħjar il-jeddijiet tal-kummerċjant;

Illi, madankollu, din il-Qorti diġa' qalet li mkien ma joħroġ li l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq is-saħħa tal-Kap 427 tal-Liġijiet ta' Malta jew li r-rimedju li qiegħed jippretendi l-attur jinsab biss fil-qafas ta' dik il-liġi speċjali. Huwa magħruf li n-natura ta' azzjoni toħroġ mit-talbiet li tagħmel il-parti attriċi

[28] Tifsira ta' '*produttur*' f'Art. 2(ċ) tal-Kap 427
[29] Kap 510 u ara Artt. 16 u 30 tal-Kap. 427 tal-Liġijiet ta' Malta

(moqrija flimkien mal-premessi li jwasslu għalihom) u mhux mill-eċċezzjonijiet tal-parti mħarrka. Jidher li l-kwestjoni li qanqlet id-Ditta mħarrka fuq il-parametri tal-Kap 427 ħolqot distrazzjoni u warrbet il-ħarsa minn fuq in-natura vera tal-azzjoni tiegħu, u jiġifieri l-fatt li hu kien xtara s-sellum u li l-bażi tal-azzjoni tiegħu – l-allegazzjoni li dak is-sellum kien difettuż – toħroġ mill-ħarsien li l-liġi tagħtih bħala konsumatur. Dak il-ħarsien jingħata mill-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur[30] u mhux mill-Kap 427 tal-Liġijiet ta' Malta li, f'kull każ, ma jistax jinqara waħdu, imma jrid jinqara mal-liġijiet l-oħrajn maħsuba biex iħarsu l-jeddijiet tal-konsumatur;

Illi fl-imsemmi Att hemm Taqsima sħiħa li titkellem dwar rimedji u responsabbilta' għal prodott difettuż[31]. Għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha jidher li jkun xieraq li l-Qorti ssemmi xi dispożizzjonijiet minn dik il-liġi. Fl-ewwel lok, dik il-liġi tagħti ħarsien lil '*konsumatur*' li tfissru bħala "*kull individwu li fi transazzjonijiet u ħwejjeġ oħra koperti b'dan l-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu, jkun qed jaġixxi għal għanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni*"[32]. Dan ifisser li min, bħall-attur, jixtri (jew jikri) prodott jew ħaġa għall-użu personali tiegħu jitqies bħala konsumatur u jgawdi l-ħarsien tal-imsemmija liġi. Fit-tieni lok, '*prodott*' jiġbor fih "*(a) kull ħaġa mobbli inkorporata fi prodott ieħor jew f'ħaġa immobbli*"[33]. Fit-tielet lok, bi '*produttur*' dik il-liġi tifhem "*(f) meta prodott jiġi manifatturat jew prodott barra minn Stat Membru, kull min jimporta ġewwa Stat Membru prodott għall-bejgħ, kiri, self jew kull għamla oħra ta' distribuzzjoni*"[34]. Fir-raba' lok, il-liġi tistabilixxi b'mod ċar u bla ebda tlaqliq li "*il-produttur ikun responsabbli għall-ħsara għal kollox jew f'parti kaġunata b'xi difett fil-prodott tiegħu*"[35]. Bil-kelma "*ħsara (personali)*" l-istess Att jifhem "*kull marda u kull tħassir tal-kundizzjoni fiżika jew mentali ta' persuna*"[36]. Fil-ħames lok, il-liġi tagħti lill-konsumatur li jfittex għad-danni, konsistenti fi ħsara personali jew mewt, li jistgħu jiġru bl-użu ta' prodott difettuż[37];

Illi dawn id-dispożizzjonijiet juru li konsumatur li jallega li ġarrab ħsara (f'saħħtu jew fi ħwejġu) minħabba l-użu ta' prodott li jgħid li kien difettuż għandu rimedju azzjonabbli kontra l-'produttur' ukoll fi proċediment ta' sura ċivili. Ir-rimedju mogħti, u li jgħodd għal dawk il-prodotti li tqiegħdu fis-suq Malti wara l-1 ta' Mejju, 2004[38], huwa wieħed statutorju meqjus fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-qafas tar-relazzjoni bejn konsumatur u min jagħmel jew imexxi

[30] Att ta' l-1994 dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Att XXVIII tal-1994) kif emendat (Kap 378)
[31] Taqsima IX (artt. 56 sa 71A) tal-Kap 378
[32] § (i) tat-tifsira ta' "*konsumatur*" f'art. 2 tal-Kap 378
[33] §(a) tat-tifsira ta' "*prodott*" fl-art. 56 tal-Kap 378
[34] §(f) tat-tifsira ta' "*produttur*" f'art 56 tal-Kap 378
[35] Art. 57 tal-Kap 378
[36] Tifsira ta' "*ħsara personali*" f'art. 56 tal-Kap 378
[37] Art. 61(a) tal-Kap 378
[38] Art. 71 tal-Kap 378

fis-suq xi prodott u l-obbligu li dak il-prodott ikun tajjeb għall-użu li għalih ikun inxtara (jew inkera). Huwa rimedju li l-liġi tagħna torbtu ma' dispożizzjonijiet li jitkellmu dwar ħtija akwiljana u tagħmilhom jgħoddu wkoll għal azzjoni bħal din li nieda l-attur[39]. Ta' min jgħid li d-dispożizzjonijiet imsemmija ddaħħlu fis-sistema tal-liġi tagħna sa minn qabel ma Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropeja, u huma maħsuba li jimplimentaw normativa Komunitarja partikolari[40] u għandhom jitfissru u jitħaddmu skond dik in-normativa[41];

Illi jekk wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha li ħarġu f'dan il-każ u lil hinn minn jekk is-sellum li ċeda bl-attur kienx tabilħaqq difettuż, il-Qorti tasal għall-fehma li d-Ditta mħarrka ma tistax issostni l-ewwel eċċezzjoni tagħha fis-sustanza. Dan jingħad għaliex jekk hija jista' jkun li tgħid is-sewwa jekk il-każ jitqies li jkun tressaq taħt is-saħħa tal-Kap 427, ma tkunx qiegħda tgħid is-sewwa meta wieħed iqis li l-każ ikun tressaq taħt is-saħħa tal-Kap 378;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li l-ewwel eċċezzjoni tad-Ditta mħarrka hija tajba u mhix se tilqagħha għaliex, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-istess Ditta hija tabilħaqq il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet attriċi u teżisti rabta ġuridika bejnha u l-attur minħabba r-rabta li tinħalaq bejn produttur u konsumatur;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis **jekk kemm-il darba s-sellum kienx difettuż**. Skond il-liġi, dan il-fatt irid jintwera minn min jallegah. Fil-każ fejn konsumatur jallega li l-prodott kien difettuż, il-liġi tgħid li huwa jrid jipprova biss il-ħsara (li jkun ġarrab), id-difett (fil-prodott mixtri jew mikri), u r-rabta kawżali bejn id-difett u l-ħsara. B'mod partikolari, l-konsumatur ma jkollux il-piż li jġib il-prova dwar il-ħtija tal-produttur[42]. Dan l-aħħar element huwa wieħed mill-karatteristiċi partikolari tal-azzjoni mogħtija lill-konsumatur f'din il-liġi speċjali;

Illi mill-provi mressqa fl-atti tal-kawża ħareġ li l-attur kien xtara s-sellum ftit xhur biss qabel ma seħħ l-inċident. Xtrah bħala ġdid u xtrah għall-użu personali tiegħu. Huwa jgħid li kien iżommu fir-raff f'post ġewwa d-dar u milqugħ mill-elementi. Jgħid li dakinhar li nqeda bis-sellum kienet it-tieni darba li wżah u fl-ewwel darba kien qatta' biss ftit ħin fuqu u, dakinhar tal-inċident, kien għadu kemm tela' sas-seba' jew it-tmien skaluna tiegħu qabel ċeda bih. Huwa jispjega li t-titjir ta' żebgħa li jidher f'bosta mir-ritratti esibiti kien minħabba li, darba, qaleb fuq is-sellum patalott żebgħa li kien ukoll maħżun fir-raff fejn is-sellum. L-attur jgħid li ħadd aktar ħliefu ma xxabbat mas-sellum minn dakinhar li kien xtrah. Ma hemm l-ebda mod kif ħafna minn dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu ikunu

[39] Ara artt. 64, 65 u 68 tal-Kap 378
[40] Direttiva KEE 85/374 kif emendata b'Direttiva KEE 34/1999
[41] Art. 71A tal-Kap 378
[42] Art. 58 tal-Kap 378

konfermati minn għejjun barranin, ukoll għaliex l-attur ma kellu lil ħadd miegħu fil-kamra fejn kien rama s-sellum, minkejja li martu u ibnu kienu banda oħra fid-dar. Imma l-attur ħalef dak kollu li qal u sarulu mistoqsijiet fil-kontro-eżami maħsuba li juru li l-inċident seħħ minħabba l-użu ħażin li huwa għamel mis-sellum. Minn dak il-kontro-eżami, il-Qorti ma ssibx li l-attur tgiddeb fil-qofol tal-verżjoni u l-fatti minnu msemmija dwar kif seħħ l-inċident;

Illi bħala provi 'barranin' għall-verżjoni tal-attur hemm, fuq kollox, ir-ritratti li juru kif spiċċa s-sellum meta ċeda bl-attur. Uħud minnhom juru sewwa li l-qafas tal-metall li minnu kien magħmul intewa u tgħawweġ sa ma nbaram bil-piż tal-attur u waqa' bih[43]. Ċirkostanza oħra hija li l-attur għarraf b'dak li kien ġralu lill-awtorita' kompetenti u din irtirat is-sellum (u dawk bħalu li kienu jinsabu fis-suq Malti) wara li rat kif kien spiċċa s-sellum li ċeda bl-attur u ħadet qies ta' tagħrif ieħor li kien ingħatalha dwar prodotti oħrajn tal-istess manifattriċi Torka. F'dan ir-rigward, il-Qorti mhijiex qiegħda toqgħod fuq ir-rapport li tressaq minn awtorita' Komunitarja oħra (dik Olandiża) fuq eżami li sar fuq għamla ta' sellum ieħor tal-istess manifattriċi Torka (għaliex dan kien jirrigwarda għamla ta' sellum differenti minn dak li kellu l-attur), iżda tqis li l-Awtorita' Maltija għamlet aċċertamenti tagħha fuq l-għamla ta' sellum mertu tal-każ u, qabel ma ħarġet l-avviż lill-pubbliku biex tirtirah mis-suq, sabet li ma kienx jikkonforma mal-i*standards* preskritti u aċċettabbli;

Illi, fis-sewwa, d-Ditta mħarrka ma tgħidx li s-sellum ma kienx difettuż: hija tgħid li l-għamla ta' ħsara u l-kundizzjoni li spiċċa fiha wara l-inċident jixhdu użu ħażin tiegħu min-naħa tal-attur. Biex issaħħaħ dan l-argument, hija ressqet ukoll rapport maħruġ mill-kumpannija manifattriċi Torka li sab li s-sellum bħal dak kien jiflaħ piż ħafna aktar minn dak li kellu l-attur u li l-ħsarat li ħarġu fis-sellum wara li ċeda bl-attur ma jistax ikun li kienu minħabba difett fih. Qalet ukoll li mill-mijiet ta' slielem ta' dik l-għamla li għamlet u biegħet f'pajjiżi oħra fid-dinja, qatt ma kellha lment bħalma ressaq l-attur u qatt ma kellha slielem li tgħawġu u nbarmu b'min kien fuqhom bħalma ġara fil-każ tas-sellum tal-attur;

Illi b'kejl ma' dak li titlob il-liġi f'każijiet bħal dawn, il-Qorti ssib li ma kellha għalfejn tqabbad l-ebda espert biex juriha li s-sellum ma kienx ta' fejda. It-tgħawwiġ u brim fil-partijiet wieqfa li jrieġu l-iskaluni ma jħallu l-ebda dubju li kien hemm ċediment strutturali fis-sellum li wieħed ma jistennix li jiġri ftit xhur biss wara li nxtara. Lanqas ma ntwera li l-attur kien qiegħed juża s-sellum b'mod li ma kellux jużah jew li kien għamel xiħaġa li tmur kontra r-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur. Ma hija l-ebda difiża tajba dik li ressqet id-Ditta mħarrka li tgħid li mill-għadd kollu ta' slielem li biegħet f'Malta ma

[43] Ara, b'eżempju, Dokti "JSA8" sa "JSA14",u "MT1", "MT5" sa "MT14" u "MT16", f'paġġ. 70 – 6, 94, 98 – 107 u 109 tal-proċess

kellha l-ebda lment ieħor bħal dak tal-attur jew li kien hemm xi inċident li jixbhu;

Illi l-liġi tqis li prodott ikun difettuż jekk kemm-il darba jonqos li jiggarantixxi lil min jinqeda bih il-ħarsien u sigurta' li wieħed jistenna b'użu xieraq tal-istess prodott jew mudelli oħrajn tal-istess għamla[44]. Din il-preżunzjoni tal-liġi tista' titwaqqa' (minn min jgħid li l-prodott mhuwiex difettuż) imma titlob it-tressiq ta' provi tajbin u b'saħħithom biżżejjed li jagħrfu jagħtu tweġiba (u mhux biss konġetturi u tejoriji) li tispjega li dak li jkun ġara kien minħabba raġuni oħra mhux id-difett. Fil-fehma tal-Qorti, id-Ditta mħarrka ma seħħilhiex iġġib prova tajba bħal din. Jekk wieħed jimxi ma' dan il-kejl, wieħed jasal għall-fehma li s-sellum li tela' fuqu l-attur dakinhar tal-inċident kien tabilħaqq difettuż, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma, sejra tqis jekk l-attur seħħlux jipprova **r-rabta bejn id-difett fis-sellum u l-ħsara li ġarrab**. L-attur, sa minn qabel ma fetaħ il-kawża, saħaq li l-korriment li ġarrab fil-polz ta' idu x-xellugija kien minħabba l-waqgħa. Qatt ma ressaq allegazzjoni oħra. Sa minn dakinhar li ddaħħal l-isptar l-ewwel darba, kien qal b'mod kategoriku li l-ksur li kellu fil-polz kien ġej minn dak l-episodju. Mill-provi mressqa, ħareġ ukoll[45] li l-ħsara (ksur) li l-attur kellu fil-polz kien jaqbel mal-impatt li tieħu persuna li tiġi fuq idha wara waqgħa minn ċertu għoli. Minbarra dan, ħareġ ukoll li wkoll kieku sar intervent kirurġiku mirqum fuq l-istess polz (lil hinn mill-"*manipulation treatment*" li ssomminstrawlu fit-Taqsima Emerġenza) ma kienx hemm garanzija li r-riżultat kien se jtejjeb il-polz u li ċ-ċaqlieq tal-id jerġa' bħalma kien qabel l-inċident[46];

Illi d-Ditta mħarrka ftit li xejn tikkontesta dawn is-sejbiet mediċi u terġa' ttenni l-ipoteżi tagħha li l-attur kien qiegħed jinqeda ħażin bis-sellum. Kif ingħad, din il-linja ta' argument ma tinbeniex fuq fatt konkret imma fuq argument. L-argument imressaq ma jsarrafx daqs il-prova li hija meħtieġa biex twaqqa' l-preżunzjoni li s-sellum ċeda għax kien difettuż. Anqas u anqas ixxejjen ir-rabta bejn il-waqgħa tal-attur u l-ksur li ġarrab fil-polz ta' idu x-xellugija. Għall-kuntrarju, it-teżi tad-Ditta mħarrka (jiġifieri li l-attur kien rama ħażin is-sellum u kien qiegħed jużah mhux kif rakkomandat mill-manifattur) issaħħaħ u tikkonferma li l-attur kien fuq is-sellum meta dan ċeda bih;

Illi eċċezzjoni oħra li tqajjem id-Ditta mħarrka hija li kien jaqa' fuq l-attur li jipprova tajjeb biżżejjed li s-sellum li waqa' bih kien wieħed minn dawk li importat f'Malta l-istess Ditta. Il-Qorti jidhrilha li l-attur wettaqha din il-prova.

[44] Art. 60(1)(3) tal-Kap 378
[45] Xhieda tal-kirurgu Imrich Molnar f'paġ. 205 tal-proċess
[46] Xhieda tal-kirurgu Thomas Azzopardi f'paġġ. 206E – 206F tal-proċess

Adrian Pavia, li biegħ is-sellum lill-attur, jixhed b'mod ċar li s-sellum kien wieħed li huwa kiseb mingħand id-Ditta mħarrka. Id-Ditta mħarrka nnifisha tagħraf is-sellum bħala wieħed minn erbgħa u tmenin sellum ta' dik l-għamla li hija importat f'Malta. Minbarra dan, l-istess Ditta ressqet l-ilment tal-attur mal-manifattriċi Torka li mingħandha kienet importat is-sellum (ma kien ikun hemm l-ebda sens li tagħmel dan jekk kemm-il darba ma kinitx hi li importat is-sellum mertu tal-każ). Rappreżentant tal-istess kumpannija manifattriċi Torka xehed dwar is-sellum u għarfu bħala wieħed li kien sar fis-sede tagħha u li hija esportatu lejn Malta lid-Ditta mħarrka. Din il-ġabra kollha ta' provi minn kull naħa ma tħalli l-ebda dubju li s-sellum li xtara l-attur kien tabilħaqq wieħed importat f'Malta mid-Ditta mħarrka;

Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tasal biex issib li l-attur seħħlu juri b'mod tajjeb biżżejjed li kien hemm rabta bejn il-ħsara mġarrba u d-difett fis-sellum;

Illi l-Qorti jmissha tgħaddi issa biex tillikwida **d-dannu mġarrab**. L-attur iressaq pretensjonijiet għal kumpens minn telf attwali ("*damnum emergens*"), telf ta' qligħ għall-ġejjieni ("*lucrum cessans*") u kumpens għal danni morali;

Illi taħt l-ewwel kawżali tad-danni (id-"*damnum emergens*"), l-attur isemmi xi nfieq għall-"spejjeż legali" u wkoll telf ta' dħul mill-impieg sa minn dakinhar tal-inċident. Hawnhekk ta' min ifakkar li, meta seħħ l-inċident, l-attur kien pensjonant u għalhekk ma kellux impieg u lanqas kien iħaddem lilu nnifsu. Madankollu, mill-istess provi kien ħareġ li l-attur kien mużiċist imqabbad u mfittex u kien regolarment idoqq f'*band* f'lukandi u stabilimenti oħrajn bi dħul konsistenti u dokumentat. L-attur wera kif, minħabba l-waqgħa, il-polz ma reġax ġie bħalma kien qabel u hu ma setax idoqq aktar għal ħinijiet twal jew bil-mod li kien mistenni minnu meta jdoqq għan-nies f'postijiet pubbliċi;

Illi taħt din ir-ras ta' danni, l-attur isemmi nefqa dwar servizzi legali mhux ġudizzjarji u t-telf minn dħul minn servizzi mużikali tal-*band* li diġa' kienu prenotati qabel ma seħħ l-inċident. Dwar tal-ewwel, ma ta l-ebda dettalji u lanqas wera xi dokument jew riċevuta fiskali (jew mod ieħor) li turi fiex kienu jikkonsistu tali servizzi. Bla ma tiddubita li l-attur tabilħaqq seta' kien tkellem ma' avukat biex jurih kif kellu jimxi, il-Qorti kienet tistenna li l-attur iressaq prova aħjar u aktar imfissra dwar din in-nefqa. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti mhix sejra taċċetta l-pretensjoni tal-attur taħt din il-partita;

Illi bħala telf imġarrab l-attur isemmi wkoll it-telf ta' dħul mid-daqq ta' mużika mal-*band* li kienu diġa' prenotati għas-sena 2012. Id-Ditta mħarrka tikkontesta b'qawwa din il-pretensjoni tal-attur għaliex tgħid li ma tressqux provi dwarha u, fuq kollox, billi l-attur ma weriex id-dħul li huwa tabilħaqq kellu qabel ma seħħ l-inċident b'mod li jsejjes it-telf li jgħid li ser iġarrab;

Illi l-attur ressaq xhieda ta' persuni li kien imdaħħal magħhom f'din l-attivita' u minn din ix-xhieda ħareġ li s-sejħa tal-*band* għal impenji ta' daqq f'postijiet pubbliċi ma kinitx ċirkostanza li ħalaqha minn żniedu l-attur, jew qajjimha bħala skuża wara l-inċident biex ikabbar il-pretensjonijiet tiegħu għad-danni. Il-fatt li huwa kien mużiċist imqabbad u li sata' kien hemm riskju li ma jkunx jista' jwettaq aktar dik l-attivita' kien tħassib li ssemma mill-attur sa mill-bidu meta ttieħed l-isptar u kull meta kellem tabib jew konsulent dwar il-qagħda ta' idu. Fuq kollox, ingħata tifsira tajba biżżejjed lill-Qorti li turi kemm kienet ilha sejra din l-għamla ta' attivita', kif kien l-arranġament tal-ħlas tal-bandisti fil-*band* u kif isir il-ħlas[47];

Illi l-Qorti hija soddisfatta li l-attur tilef ix-xogħol kollu li kien prenotat minnufih wara li seħħ l-inċident, u billi idu baqgħet ma ġietx lura bħalma kienet qabel, dak ix-xogħol waqqfu għal dejjem. F'dan ir-rigward, il-Qorti sejra taċċetta r-rata tal-ħlas li ssemmiet u l-għadd ta' kirjiet li l-attur tilef bħala parti mit-telf attwali ("*past pecuniary loss*"), kif sejjer jitfisser aktar 'il quddiem. Hija sejra tqis biss dawk il-prenotazzjonijiet mitlufa li dwarhom huwa ressaq dokumentazzjoni[48], għaliex ma kienx mistenni li, ladarba kien jaf x'ġaralu bis-saħħa tal-waqgħa, kien sejjer jibqa' jaċċetta prenotazzjonijiet oħrajn sakemm jara jekk kienx se jkun f'qagħda li jaċċettahom. Wara kollox, l-istess xhud li l-attur ressaq biex jikkonferma l-arranġamenti li kellha l-*band* biex titqabbad iddoqq u biex titħallas, xehed ukoll li, wara xi żmien, tqabbdu żewġ persuni oħrajn biex jidħlu minflok l-attur fl-istess *band* biex jimlew il-vojt li ħalla bl-assenza tiegħu;

Illi għalhekk, taħt il-kap tad-*damnum emergens* il-Qorti qiegħda tillikwida s-somma ta' elf u ħames mitt euro (€ 1,500);

Illi għar-rigward tat-telf ta' qligħ minħabba l-inċident ("*lucrum cessans*"), il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, tali kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġa' minn dak inhar tal-inċident sal-lum u wkoll dak li se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċita' għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ. Il-kliem "inkapaċita' għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "*f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli; f'sens legali tikkonsisti f'dik il-*

[47] Xhieda ta' Sergio Micallef f'paġġ. 156 – 160 u 210 tal-proċess
[48] Ara Dok "JS2", f'paġġ. 8 sa 13 tal-proċess

*qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv*"[49];

Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn[50];

Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Kemm hu hekk huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It, too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest. ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*"[51]. Din id-distinzjoni tgħin biex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;

Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddma fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident, jew minn dak inhar li titressaq il-kawża[52]. Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunitajiet għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata l-paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[53]. Ħaġ'oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak inhar tal-korriment[54];

---

[49] P.A. PS **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et*** (mhix appellata)
[50] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono vs Andrew Vaswani*** (mhix appellata)
[51] Kemp (Ed.) *Damages for Personal Injury and Death* (3rd. Edit), §§ 3.02 – 3.03, f'paġ. 64
[52] App. Ċiv. **30.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.500**)
[53] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.242**)
[54] P.A. JSP **31.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhix pubblikata)

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddma li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurta' soċjali u t-taxxa tad-dħul (jekk dan ikun il-każ, fir-rigward ta' persuna li, meta tindarab, tkun diġa laħqet l-eta' tal-pensjoni). Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom fi ħwejjeġ bħal dawn[55]. Għalhekk, meta l-Qorti sejra tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien idaħħal[56];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta b'mod ċar li, minħabba l-inċident li għadda minnu l-attur, id-dħul tiegħu mid-daqq strumentali ntemm minnufih. Madankollu, billi huwa kien diġa' laħaq l-eta' tal-pensjoni, ma ġarrab l-ebda nuqqas fid-dħul tiegħu f'dan ir-rigward;

Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet;

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-*multiplier* li normalment jintuża bħala meżż biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[57];

Illi, kif tajjeb tissottometti wkoll id-Ditta mħarrka, "*... the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period*

---

[55] Kemp *op. cit.* §§ 3.29 – 3.30, f'paġ. 73
[56] Ara. Maġ. (Għ) AE **2.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Camilleri noe et vs Direttur ta' l-Edukazzjoni et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-**19.1.2010**)
[57] Peter Cane, *Atiyah's Accidents, Compensation and the Law* (6th Edit, 1999), paġ. 122

*of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income*"[58];

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[59], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija sewwasew fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[60], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[61], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[62]. Madankollu, huwa daqstant minnu li l-kejl tal-*multiplier* intuża wkoll mill-Qrati tagħna fejn l-eta' tal-persuna korruta kien qabeż l-eta' tal-irtirar mix-xogħol u minkejja li l-vittma ma kenitx taħdem bi qligħ minnufih qabel l-inċident[63];

Illi dan ifisser ukoll li l-kejl tal-*multiplier* ma jintrabatx lanqas u tabilfors esklussivament mat-tul tal-ħajja tax-xogħol tal-parti mġarrba. Li kieku kien hekk, fil-każ tal-attur dan kien ifisser li jitlef kull jedd għall-ħlas ta' kumpens, minħabba li meta waqa' bih is-sellum, kien diġa' ilu pensjonant madwar ħames snin. Dan qiegħed jingħad biex jindirizza kwestjoni li hemm bejn il-partijiet. Kemm hu hekk, l-attur jissottometti[64] li, għall-każ tiegħu, il-Qorti ma jmisshiex timxi mal-"*capping*" tal-eta' tal-pensjoni, iżda għandha timxi ma' kemm huwa mistenni li jibqa' ħaj (u jsemmi l-eta' ta' tnejn u tmenin sena) u għalhekk jipprospetta *multiplier* ta' sittax-il (16) sena. Min-naħa l-oħra, d-Ditta mħarrka tisħaq li l-kejl suġġerit mill-attur ma joqgħodx mal-ispirtu tal-liġi u lanqas max-xejra tad-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna;

Illi ngħad ukoll li "*Fil-komputazzjoni tal-kumpens ta' persuna ta' eta` avvanzata li ma tiddependix għall-introjtu tagħha fuq "income" fiss bħal per eżempju pensjoni, iżda li tippretendi li l-kumpens jirrifletti l-introjtu tagħha minn xi attivita` kummerċjali qabel l-akkadut, il-qorti għandha tipprospetta l-probabbilita` ta' riduzzjoni fl-introjtu proprju minħabba l-eta` dejjem tavvanza*

[58] W.V.H. Rogers The Law of Tort (2nd Edit., 1994) f'paġ. 228
[59] App. Ċiv. **16.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri***
[60] App. Kumm. **26.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe***
[61] Kumm. **11.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe***
[62] P.A. **15.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Karen Żimelli vs Michael Sammut*** ; P.A. RCP **25.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited***; u App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef StJohn et vs Richard Spiteri et***
[63] Ara, per eżempju, P.A. AJM **4.10.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Smith vs Peter Grech*** (mhix pubblikata) u P.A. AE **25.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Conti et vs Salvu Mifsud*** (mhix appellata)
[64] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 460 tal-proċess

*tad-danneġġat. Dan għaliex dawn id-danni, għalkemm jitħallsu bil-quddiem, qegħdin jiġu komputati fuq firxa ta' snin futuri*"[65];

Illi, ukoll fid-dawl ta' dak li ngħad iżjed 'il fuq, il-Qorti sejra tqis *multiplier* ta' tmien (8) snin bħala applikabbli għall-każ tal-attur;

Illi, applikati dawn il-prinċipji għall-fatti riżultanti mill-atti tal-kawża, joħroġ li l-attur diġa' kellu sitta u sittin (66) sena meta seħħ l-inċident u li kellu dħul minn żewġ pensjonijiet – waħda tal-Irtirar (taħt l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali)[66] u l-oħra tat-Teżor[67]. Fil-każ tal-ewwel pensjoni, l-attur kien idaħħal rata ta' tlieta u tmenin euro u tlieta u tmenin ċenteżmi (€ 83.83) kull ġimgħa dakinhar tal-inċident[68]. Din r-rata telgħet għal tmienja u tmenin euro u tmienja u tmenin ċenteżmi (€ 88.88) kull ġimgħa f'Jannar ta' sentejn wara, minbarra li kien jitħallas ukoll "*bonus*" kull sitt (6) xhur u "*bonus*" kull ġimgħa. Fil-każ tat-tieni pensjoni, jiġifieri dik li titħallas mit-Teżor, l-attur jirċievi sebat elef seba' mija u tlieta u sebgħin euro u tnax-il ċenteżmi (€ 7773.12) kull sena, u din il-pensjoni hija waħda fissa[69]. Tajjeb li jerġa' jingħad li l-attur sejjer jibqa' jgawdi tali pensjonijiet u, fejn jgħodd il-każ, iż-żidiet li jingħataw bil-liġi u, minn dan l-aspett mhuwa se jġarrab l-ebda tnaqqis minħabba l-inċident. Madankollu, iċ-ċifri ta' hawn jgħoddu biex il-Qorti tkun tista' tistabilixxi l-moltiplikand li fuqu se tasal għal-likwidazzjoni aħħarija;

Illi hawnhekk ukoll l-attur jirreferi għat-telf ta' dħul fil-ġejjieni dwar dak li kien jaqla' mid-daqq. Il-Qorti ssib li din il-pretensjoni għandha titqies għaliex ma hemm xejn fil-liġi li żżomm lil persuna li tkun laħqet l-eta' tal-irtirar milli tissokta b'ħidma li tista' wkoll tkun għall-ħlas[70]. Din il-pretensjoni sejra titkejjel fuq id-dħul dikjarat mill-attur fl-aħħar sena sħiħa ta' qabel ma nqala' l-inċident (jiġifieri l-2011)[71]. Minn dak li ħareġ mix-xhieda mressqa u ladarba jidher li r-rati ta' ħlas li kien jirċievi l-attur baqgħu kostanti, il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa l-każ li taġġusta s-somma fiċ-ċirkostanzi. Għalhekk, f'dan ir-rigward sejra tistabilixxi ċ-ċifra fis-somma ta' sitt elef erba' mija u tmenin euro (€ 6,480);

Illi d-Ditta mħarrka, għall-istess raġunijiet imsemmija qabel, tikkontesta l-pretensjoni tal-attur dwar it-tnaqqis ta' dħul mid-daqq. Il-Qorti ma tilqax din l-oġġezzjoni u dan ukoll għall-istess raġunijiet li hija semmiet meta kienet qiegħda tikkunsidra t-telf attwali mġarrab. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, lanqas jidhrilha li għandha tagħmel l-eżerċizzju tal-aġġustament tal-inflazzjoni li

[65] App. Ċiv. **16.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Galea et vs Charles Fenech pro et noe et***
[66] Xhieda ta' Saviour Theuma u Dok "JS5", f'paġġ. 27 – 8 u 121 – 2 tal-proċess
[67] Xhieda ta' Joseph Galea f'paġġ. 163 – 4 tal-proċess
[68] Dok "ST1", f'paġ 120 tal-proċess
[69] Ara Dok "JS4", f'paġ. 26 tal-proċess
[70] Ara, b'eżempju, P.A. DS **14.1.2004** fil-kawża
[71] Ara Dok "JS3", f'paġġ. 14 sa 25 tal-proċess

jipproponi l-attur[72], u dan għaliex l-għadd ta' snin adottat bħala *multiplier* f'dan il-każ ma jiġġustifikawx dak il-kejl propost minnu, u wkoll minħabba li (ħlief għal xi bidliet li xorta waħda sejjer jibbenefika minnhom f'żidiet fil-pensjoni tal-Irtirar), id-dħul ma kienx mistenni li jibqa' jinbidel. Partikolarment fil-każ tal-attivita' mużikali, wieħed jistenna li dan kien se jnaqqas l-impenji pubbliċi kulma jmur;

Illi għalhekk, għall-finijiet tal-likwidazzjoni tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, il-Qorti sejra timxi ma' moltiplikand ta' dsatax-il elf tliet mija u seba' euro u sittax-il ċenteżmi (€ 19,307.16);

Illi l-attur ressaq pretensjoni wkoll dwar danni morali[73]. Huwa jsejjes din il-pretensjoni fuq l-effetti psikoloġiċi li tħallew fuqu meta kien jipprova jdoqq u jara li ma jistax idum kemm kien qabel jew li juri l-ħila tiegħu kif kien imdorri minħabba l-limitazzjonijiet taċ-ċaqlieq ta' idu x-xellugija. Id-Ditta mħarrka twarrab din il-pretensjoni;

Illi l-Qorti jidhrilha li, lil hinn mill-kwestjoni dwar jekk il-liġi tagħna taħsibx għal-likwidazzjoni ta' kumpens fuq il-kawżali tad-"dannu eżistenzjali", jidhrilha li kien ikun xieraq li l-attur iressaq provi tajbin biżżejjed dwar dan. Fil-fehma tal-Qorti, huwa naqas milli jwettaq dan il-grad ta' prova u għalhekk, mhijiex sejra tillikwida danni taħt din il-kawżali;

Illi l-perit mediku maħtur mill-Qorti wasal għall-konklużjoni li l-attur ġarrab debilita' li ma tgħaddix fil-grad ta' għaxra fil-mija (10%). L-attur jistieden lill-Qorti twarrab dik il-fehma u tadotta grad ta' debilita' ta' mija fil-mija (100%) għaliex jgħid li minħabba l-inċident intemmet kull attivita' marbuta mad-daqq tal-istrument. Min-naħa tagħha, id-Ditta mħarrka tikkontesta din il-pretensjoni u tisħaq li d-daqq strumentali kien namra tal-attur u mhux l-impieg li kellu qabel ma rtira u lanqas ma kien l-għajn waħdanija tal-għixien tiegħu u għalhekk, jekk xejn, ir-rata ta' debilita' jmissha titnaqqas;

Illi l-Qorti ma tarax għalfejn ma għandhiex toqgħod mar-rata ta' debilita' stabbilita mill-perit mediku maħtur minnha. Dan tgħidu l-aktar għaliex jidher ċar mir-rapport tiegħu li, meta ġie biex iqis kemm hija r-rata ta' debilita' li ma tgħaddix li ġarrab l-attur, huwa ħa qies ukoll tal-użu partikolari li l-attur kien jagħmel mill-id tax-xellug. Id-daqq ta' strument jissemma espressament fir-rapport peritali, u l-Qorti tqis dan bħala parti mill-kejl li uża l-perit mediku biex wasal għall-fehma tiegħu. Fit-tieni lok, l-ebda waħda mill-partijiet ma nqdiet bir-rimedju tal-ħatra ta' periti addizzjonali u għalhekk ma tarax li għandha

[72] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 459 – 460 tal-proċess
[73] Prospett Dok "JS1" u Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġġ. 5 u 463 tal-proċess

toqgħod fuq is-sottomissjonijiet tagħhom biex titbiegħed mill-fehma tal-perit minnha maħtur;

Illi ladarba s-somma hekk likwidata qiegħda tingħata f'daqqa, u ż-żmien li ilha tinstama' l-kawża sa minn mindu tressaq ir-Rikors Maħluf ma jirriżultax li kien imtawwal bla ħtieġa, mis-somma msemmija għandu jitnaqqas is-sehem tal-*lump sum payment* li huwa stabilit bħala għaxra fil-mija (10%) tas-somma likwidata;

Illi, meqjusa dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha l-Qorti qiegħda tillikwida s-somma ta' tlettax-il elf u disa' mitt euro (€ 13,900)[74] bħala telf ta' qligħ ("*lucrum cessans*");

Illi għalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-tieni talba attriċi u tillikwida l-kumpens li d-Ditta mħarrka trid tħallas lill-attur fis-somma ta' ħmistax-il elf u erba' mitt euro (€ 15,400)[75];

Illi l-Qorti se tilqa' wkoll it-tielet talba attriċi b'dan li l-imgħax fuq is-somma likwidata b'din is-sentenza għandu jibda jgħaddi millum;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** mressqa mid-Ditta mħarrka u ssib li bil-liġi hija l-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li d-Ditta attriċi trid terfa' r-responsabbilta' tal-inċident li seħħ fil-15 ta' Marzu, 2012, u għall-ħsara li l-attur ġarrab meta waqa' bih sellum importat f'Malta mill-istess Ditta mħarrka u liema sellum jirriżulta li kien difettuż;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tad-Ditta mħarrka billi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-attur fl-imsemmi inċident fis-somma ta' ħmistax-il elf u erba' mitt euro (€ 15,400);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tordna lid-Ditta mħarrka tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' ħmistax-il elf u erba' mitt euro (€ 15,400) bħala danni, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li **l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mid-Ditta mħarrka.

[74] €19,307 x 8 x 0.1 x 0.9 = €13,901.04
[75] € 1,500 + € 13,900 = € 15,400

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**17 ta' Ottubru, 2017**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**17 ta' Ottubru, 2017**